# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta 2 ta' Lulju 2024**

**Talba nru. 199/2023**

**NUTAR DR. SHARON FAITH FARRUGIA**
**(KI 265884M)**

*VERSUS*

**NICOLE ASHLEY ORPEN**
**(KI 191918A)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talbaipprezentat fil-31 ta' Mejju 2023 l-attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-intimata thalls is-somma ta' tlett elef mitejn u sitta u hamsin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (Eur 3,256.83) liema ammont jiraprezenta servizzi notarili moghtija fuq konvenju fuq il-fond Jewel Court, M1, Triq il-Mediterran, Pembroke. Bl-Ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Ra illi l-attrici kellha tadopera l-procedura ta' l-affissjoni li saret fis-27 ta' Frar 2021, kif jidher a fol. 26, kif ukoll il-pubblikazzjoni f'gazzetta tal-gvern (a fol.19) datata 5 ta' Marzu 2024 u f'gazzetta lokali datata 11 ta' Marzu 2024(Fol. 22).

Ra illi minkejja illi l-konvenuta kienet giet debitament notifikata hija baqghet ma dehritx ghall-udjenza sussegwenti u lanqas ipprezentat risposta fiz-zmien li trid u tghid il-ligi sabiex twiegeb ghat-talbiet attrici. Ghaldaqstant fid-dawl ta' din l-ommissjoni procedurali, t-Tribunal iddikjara lill-konvenuta fi stat ta' kontumacja skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra illi l-attrici ipprezenat kapitolu fil-konfront ta' l-intimata. (Fol.29)

Ra illi fl-udjenza tad-19 ta' Gunju 2024, il-konvenuta baqghet ma dehritx ghas-seduta sabiex twiegeb ghad-domandi in subizzjoni.

Ra id-dokumenti prezentati.

Ra l-atti processwali.

Ra li din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi fl-udjenza tad-19 ta’ Gunju 2024 xehedet l-attrici, in-Nutar Dr. Sharon Faith Farrugia illi ddikjarat li l-konvenuta kienet marret fl-ufficcju taghha sabiex taghmel l-arrangamenti necessarji sabiex ikun jista jsir konvenju fuq il-fond Jewel Court, M1, Triq il-Mediterran, Pembroke. L-attrici tghid illi kien sar il-konvenju fuq dan il-post izda meta kien wasal iz-zmien sabiex isir il-kuntratt, dan baqa' qatt ma gie pubblikat minhabba li l-istess konvenuta qatt ma wiegbet ghall-appuntamenti sabiex tattendi. L-attrici tghid illi l-konvenuta sahansitra tilfet id-depozitu li kienet hallset a facut min kien qed ibieghilha. L-attrici, stqarret ukoll li minhabba li sa dak l-istadju u cioe wara li sar il-konvenju, hija kienet ghamlet diversi xoghol bi thejjija ghall-kuntratt finali. L-ispejjez li kellha thallas il-konvenuta jammontaw ghal Eur 3,256.86 kif muri fl-invoice mahruga mill-istess attrici u li qieghda esebita a Fol.2 a’ l-atti. Dan l-ammont ghadu dovut stante illi baqa qatt ma thallas.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi, “*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*.”

Il-paragrafu (b) ta’ l-Artikolu 13 ta’ l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, “*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*.”

Minn qari ta’ din id-disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma’ lill-parti mharrka f’kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Illi l-konvenuta baqghet ma ressqitx risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilha ta’ l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali taghha sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenza sussegwenti. Tali konvenuta, ghalhekk, kienet giet dikjarata fi stat ta’ kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba attrici da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta’ l-istess. Għalkemm il-konvenuta baqghet kontumaċi, dan ma jfissirx li hijat abbandunat kull eċċezzjoni li setghet ghamlet fil-kawża u ammettiet d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-

konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' ix-xhieda ta' l-attrici stess, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li l-attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba. It-Tribunal ha kont ta' dak li gie affermat bil-gurament mix-xhieda ipprezentata mill-attrici inkluz d-dokumenti pprezentati li juru x-xoghol li wassal ghal kont li ghadu pendent mill-konvenuta.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mill-attrici u anke bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' tlett elef mitejn sitta u hamsin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (Eur 3,256.83) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mill-31 ta' Meju 2023 u li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenuta.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur